KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

| GĦALL-UŻU TAL-UFFIĊĊJU BISS: | |
|---|---|
| Data tal-Applikazzjoni:<br><br>_____ /_____ / 2026 | Numru ta' Referenza tal-Applikazzjoni:<br><br>SSS____ /26/______ |

# SKEMA TA' APPOĠĠ GĦALL-ISCREEN

# IS-SITT FERGĦA: INTERNAZZJONALI

## FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI

Isem L-Applikant ____________________________

Titlu tal-Applikazzjoni ___________________________

Data ta' sottomissjoni tal-Applikazzjoni _________________________

Ammont Totali mitlub
(L-Ammont massimu li jista' jintalab minn dan il-Fond huwa

- Appoġġ Promozzjonali: EUR 20,000
  *F'każ ta' Festival 'A-List', l-ammont massimu jista' jkun EUR 40,000

- Parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali: EUR 5,000
  *F'każ ta' Festival 'A-List', l-ammont massimu jista' jkun EUR 10,000

- Sottomissjonijiet għal Festival Internazzjonali: EUR 2,500

L-Applikanti jistgħu jitolbu sa 100% mill-ispejjeż tal-proġett)

Numru ta’ Referenza ________________________________

Titlu tal-Proġett ________________________________

---

# 1. Dettalji Ġenerali

1.1 Tip ta’ proġett

Immarka fejn applikabbli

☐ Finzjoni
☐ Animazzjoni
☐ Dokumentarju

Dawn il-proġetti ta’ finzjoni, animazzjoni u dokumentarji huma eliġibbli:

Immarka fejn applikabbli:

☐ Produzzjonijiet *feature-length* intenzjonati għal teatri, festivals, TV, VOD
☐ Serje tat-TV (episodju pilota; serje ġdida, serje mitkompla)
☐ Verżjoni ta’ 52 minuta tul f’każ ta’ dokumentarju kreattiv
☐ Film qasir intenzjonat għal festivals, TV, VOD (mhux applikabbli f’każ ta’ Appoġġ Promozzjonali)

1.2 Il-proposta trid tissodisfa għall-inqas TNEJN minn dawn li ġejjin:

Immarka fejn applikabbli.

☐ Il-produttur jew produtturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta

☐ Il-kittieb jew kittieba huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta

☐ Id-direttur jew diretturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta

1.3 Appoġġ se jingħata biss lil Proġetti Awdjoviżivi li huma prodotti kulturali.

Immarka fejn applikabbli:

☐ Il-proġett jagħti kontribut lill-kultura Maltija u/jew Ewropea
☐ Il-proġett jagħti kontribut għall-iżvilupp tal-industrija tal-film u t-TV f’Malta u/jew fl-Ewropa
☐ Il-proġett jista’ jitqies bħala kulturali abbażi tal-kontenut tiegħu

TEMPLATE

1.4 Eżami Kulturali

Niżżel il-formola li trid timtela billi tikklikkja hawn

Imliha

+ tella' l-Eżami Kulturali.

1.5 Daqs tal-Intrapriża

☐ Qed jiġi kkonfermat li l-entità awdjoviżiva indipendenti hija Intrapriża Żgħira-Medja

1.6 Prontezza awdjoviżiva

☐ Qed jiġi ddikjarat li l-produzzjoni awdjoviżiva kulturali u kreattivi tlestiet mhux aktar minn 18-il xahar qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta, jew li tinsab fi stadju avvanzat ta' żvilupp sad-data tas-sottomissjoni ta' din l-applikazzjoni.

1.7 Deskrizzjoni fil-Qosor tal-Proġett

| |
|---|
| Agħti deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett f'mhux aktar minn 150 kelma. Dan jista' jkun il-*logline*. F'każ li l-proposta tiġi ffinanzjata, din id-deskrizzjoni tittella' fuq artscouncil.mt. |

1.8 Qatt ibbenefikajt minn fondi pubbliċi fil-passat?

☐ Iva ☐ Le

1.9 F'każ li iva, jekk jogħġbok speċifika l-isem/l-ismijiet u d-dati tal-fondi pubbliċi li ngħataw matul l-aħħar tliet snin.

| |
|---|
| |

TEMPLATE

### 1.10 Dokumentazzjoni Fakultattiva

+ Żid id-dokumenti

---

## 2. Skeda ta' Żmien

### 2.1 Ipprovdi dettalji relatati mal-istadji ewlenin u mal-iskedi ta' żmien tal-proġett.

Data tal-Bidu ____/____ /____ (Skeda ta' żmien eliġibbli 01/04/2026 – 30/06/2028)
Data tal-Għeluq ___/____ /_____

| |
|---|
| Pass 1: ________________________<br>Minn: _____/____/____ sa ____/____/_____<br>Deskrizzjoni: |
| Pass 2: ________________________<br>Minn: ____/____/____ sa _____/____/_____<br>Deskrizzjoni: |
| (Żid il-passi kif meħtieġ) |

| |
|---|
| Dokumentazzjoni Fakultattiva:<br>+ Żid-id-dokumenti |

TEMPLATE

# 3. Profili

CV Daħħal is-CV tal-applikant ☐

Profil 1 Isem ______________________________________
Rwol ______________________________________
Bijografija ______________________________________
CV Daħħal is-*CV* tal-Profil 1

Żid il-Profili kif meħtieġ

Konsulent Il-proġett se jkollu konsulent abbord? ☐ Iva ☐ Le

Jekk, iva ġentilment tella’ dikjarazzjoni ffirmata li fiha l-konsulent jieħu r-responsabbiltà tar-riżultati tal-oqsma kkonsultati.

B’dan niddikjara li skont l-għarfien tiegħi, id-dikjarazzjonijiet korretti qed isiru lill-Kunsill Malti għall-Arti, u li l-informazzjoni xierqa hija ddikjarata. F’każ ta’ dikjarazzjoni falza, nerfa’ r-responsabbiltà sħiħa għal kull konsegwenza applikabbli. Immarka dawn kollha biex taqbel ma’ dawn id-dikjarazzjonijiet:

- ☐ Qed jiġi ddikjarat li għall-inqas direttorat wieħed jew il-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jkunu miżmuma minn ċittadini Maltin jew persuni li għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta.
- ☐ Qed jiġi ddikjarat li l-entità awdjo-viżiva li qed tressaq l-applikazzjoni għandha katina tat-titlu sħiħa.
- ☐ Qed jiġi ddikjarat li l-applikant ma jikkwalifikax taħt id-definizzjoni ta’ impriża f’diffikultà.

B’dan niddikjara li skont l-għarfien tiegħi, jiena, l-azzjonisti jew persuni li għandhom setgħat ta’ rappreżentanza jew ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet fl-entità awdjoviżiva applikanti. Immarka dawn kollha biex taqbel ma’ dawn id-dikjarazzjonijiet:

- ☐ ma nstabux ħatja permezz ta’ sentenza finali ta’ wieħed minn dawn ir-reati li ġejjin: parteċipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali, korruzzjoni, frodi, ħasil ta’ flus, tħaddim ta’ tfal, traffikar tal-bnedmin;
- ☐ ma jinsabux f’sitwazzjoni ta’ falliment, likwidazzjoni, terminazzjoni tal-attivitajiet, insolvenza jew arranġament mal-kredituri jew kwalunkwe sitwazzjoni simili li tirriżulta minn proċedura tal-istess tip, jew soġġetti għal proċedura tal-istess tip; jew
- ☐ ma nstabux ħatja b’sentenza finali ta’ mġiba professjonali ħażina serja jew kwalunkwe reat ieħor relatat mal-integrità professjonali

TEMPLATE

# 4. Kriterji

## L-Ewwel Kriterju: Kunċett (50 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità, is-saħħa, u l-oriġinalità tal-film/xogħol, u l-potenzjal sabiex dan jasal għand udjenzi internazzjonali. Il-punti segwenti se jiġu evalwati:

- Film/xogħol li jesebixxi oriġinalità (tema, perspettiva, approċċ viżwali – Kunċett u trattament f'każ ta' Parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali) (Din għandha tinkludi wkoll evidenza ta' kif il-proposta tikkunsidra l-prinċipji tad-Dritt għall-Kultura – Kit ta' Riżorsi u l-Karta' tal-Istatus tal-Artist, hekk kif indikat fl-1 Taqsima). (15-il marka)
- Viżjoni u stil (10 marki)
- Proposta b'saħħitha b'potenzjal li tilħaq udjenzi internazzjonali (10 marki)
- Il-kwalità tal-avveniment(i) (10 marki)
- Il-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta' din il-proposta. (5 marki)

## It-Tieni Kriterju: Ġestjoni tal-Proġett (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell t'impenn u preparazzjoni qabel il-proposta kif ukoll il-pjan propost sabiex jitwettqu u jinkisbu l-għanijiet indikati. Il-punti segwenti se jiġu evalwati:

- L-esperjenza relevanti tal-applikant (inkluż fuq livell internazzjonai) [F'każ ta' Parteċipazzjoni f'Festivals Internazzjonali, il-bord t'evalwazzjoi se jikkunsidra wkoll il-kwalità tax-xogħol/xogħlijiet preċedenti tat-tim kreattiv, kif ukoll il-potenzjal sabiex iwettaq u jimmaniġġja l-proġett propost]. (10 marki)
- Ir-reputazzjoni finanzjarja u legali tat-tim kreattiv. (5 marki)

## It-Tielet Kriterju: Involviment tal-Udjenza u l-Potenzjal taċ-Ċirkulazzjoni (25 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi stabbiliti u ġodda. Involviment jirriferi għall-irwol, in-natura tal-involviment, u l-esperjenza offruta lill-udjenza.

Potenzjal taċ-ċirkulazzjoni tirreferi għal potenzjal għal parteċipazzjoni f'festivals (u rikonoxximent) u distribuzzjoni internazzjonali, kif ukoll il-potenzjal biex jiġi stimulat interess minn aġenti tal-bejgħ, distributuri, u/jew xandara/pjattaformi. Il-punti segwenti se jiġu evalwati:

- Iddefinixxi udjenzi fil-mira tal-proġett u spjega kif dawn l-udjenzi se jintlaħqu. Ipprovdi taqsira tal-pjan ta' reklamar, PR, u komunikazzjoni skont kif meqjus relevanti għall-programm/i t'attivitajiet propost. (10 marki)
- Potenzjal ta' screening, festivals, u swieq; il-livell ta' distibuzzjoni f'territorji differenti. Ipprovdi ittra/i t'interess minn distributuri u partijiet relevanti oħra fl-industrija. (15-il marka)

## Ir-Raba' Kriterju: Baġit u Pjan ta' Finanzjament (10 marki)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità u l-vijabbiltà (standard tal-industrija) tal-baġit u l-pjan ta' finanzjament (fejn applikabbli). Il-punti segwenti se jiġu evalwati:

- Ipprovdi tqassim ċar tal-baġit, inkluż spejjeż direttament relatati mal-promozzjoni tal-produzzjoni (10 marki)
- Ipprovvdi pjan ta finanzjament (kwalità ġenerali u l-vijabbiltà tal-istrateġija ta' finanzjament; il-livell ta' finanzjament ikkonfermat – hekk kif muri permezz ta' ftehimiet iffirmati u/jew ittri t'intenzjoni).

Dokumentazzjoni Mandatorja:

- Katina sħiħa ta' titlu;
- Dikjarazzjoni tal-unur li fiha l-applikant jikkonferma li l-informazzjoni pprovduta hija vera u preċiża;
- Kopja taċ-ċertifikat Malti tar-reġistrazzjoni tal-VAT;
- Iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Standard Tajjeb l-aktar riċenti. Dan id-dokument jiġi mġedded kull sena mir-Reġistru tan-Negozji ta' Malta u huwa prova ta' konformità (f'każ t'entità);
- Kopja tal-karta tal-identità Maltija, permess tar-residenza Malti, ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew passaport Malti tal-applikant (jew tal-azzjonist maġġoritarju jew tad-direttur);
- Noti bijografiċi tal-kontributuri ewlenin tal-proġett;
- Pjan ta' ħidma flimkien ma' strateġija ta' reklamar/pubbliċità, is-swieq/festivals internazzjonali li l-applikant għadu l-intenzjoni li jipparteċipa fihom, inkluż id-dati, miżati, u termini ta' skadenza, kif ukoll links ghall-websites uffiċjali (f'każ ta' Appoġġ Promozzjonali);
- Ittra t'aċċettazzjoni mill-organizzatur tal-avvenimenti (f'każ ta' Parteċipazzjoni f'Festivals Internazzjonali);
- Strateġija tal-festival, inkluż lista ta' festivals li l-applikant għandu l-ħsieb li japplika għalihom, inkluż id-dati tal-festivals, miżati, termini tal-iskadenza, u link uffiċjali tal-website (f'każ ta' Sottomissjonijiet għal Festival Internazzjonali)
- Dikjarazzjoni ffirmata minn *accountant* jew awditur bil-*warrant* li l-applikant ma jikkwalifikax bħala impriża f'diffikultà skont kif definit fil-linji gwida;
- Pakkett tal-Proġett Kreattiv:
    i. Logline
    ii. Taqsira
    iii. Kopja tal-film (link miftuħa valida għal perjodu minimum ta' 30 ġurnata mit-tressiq ta' applikazzjoni kompluta)
    iv. Trailer (fakultattiv)
    v. Trattament – massimum t'10 paġni (fakultattiv u biss f'każ ta' parteċipazzjoni f'suq tramite Parteċipazzjoni f'Festivals Internazzjonali);
- Baġit (top sheet b'taqsira dettaljata li ċarament tindika l-ammont nett u l-ammont tal-VAT;
- Pjan ta' finanzjament (jekk il-baġit jeċċedi l-finanzjament massimu);
- Applikazzjonijiet b'ftehim ta' ko-produzzjoni fis-seħħ se jiġu kkunsidrati biss jekk l-applikant jista' jipprovdi ftehim tali ffirmat jew il-ftehim-memorandum. Il-ftehim jew ftehim-memorandum irid jinkludi klawżoli standard tal-industrija, inkluż, fost oħrajn, klawżoli li jirregolaw l-iskambju ta' drittijiet u l-input kreattiv ta' kull produttur;
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta .

Dokumentazzjoni fakultattivia (jekk disponibbli):

- Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul li juri l-applikant huwa kontribwent f'Malta;
- Ittra/i t'intenzjonin, ftehim-memorandum, jew ftehimiet minn imsieħba ta' finanzjament jew xerrejja;
- Ftehim(iet) ta' ko-żvilupp u/jew ko-produzzjoni, ftehim-memorandum, jew ittra/i t'interess;
- Xogħlijiet preċedenti;
- Stqarrija tal-produttur, deskrizzjoni qasira tal-karattri; storyboard; mood board.

+Żid id-dokumenti

N.B. Dokumenti li jirrikjedu numru minimu jew massimu ta’ paġni għandhom jinkitbu bil-font Times New Roman ta’ daqs 12.

Files sa 5MB jistgħu jiġu mehmużin direttament mal-formola tal-applikazzjoni; files ikbar jistgħu jiġu pprovduti permezz ta’ link li ma tiskadix u li ma tirrikjedix verifikzzjoni tal-identità.

---

## 5. Baġit

5.1 Żid iċ-Ċertifikat Malti tar-Reġistrazzjoni tal-VAT
Tella’ d-dokument

5.2 Jekk jogħġbok agħżel il-kodiċi NACE applikabbli
- ☐ J59.11
- ☐ J59.12
- ☐ J59.13

Żid dokument li juri l-kategorija tal-kodiċi NACE tal-applikant
Għal mistoqsijiet dwar il-Kodiċi NACE tiegħek żur: http://nso.gov.mt/nsos-business-register/

5.3 Immarka fejn applikabbli
- ☐ Reġistrat taħt Artiklu 10*
- ☐ Reġistrat taħt Artiklu 11 (Eżentat)

*Applikanti reġistrati taħt Artiklu 10 li jirkupaw il-VAT għandhom jeskludu L-VAT rekuperabbli minn dan il-baġit

- ☐ Hawn niddikjara li skont l-għarfien tiegħi, qed isiru dikjarazzjonijiet korretti lill-Kunsill Malti għall-Arti, u li qed jiġi ddikkjarat l-istat korrett tal-VAT. F'każ ta' dikjarazzjoni falza, nerfa’ r-responsabbiltà sħiħa għal kull konsegwenza applikabbli.

5.4 Agħżel it-Tip ta’ Applikazzjoni
- ☐ Appoġġ Promozzjonali
- ☐ Appoġġ Promozzjonali ta’ Festival ‘A-List’
- ☐ Parteċipazzjoni f’Festival Internazzjonali
- ☐ Parteċipazzjoni f’Festival Internazzjonali ta’ Festival ‘A-List’

TEMPLATE

☐ Sottomissjonijiet għal Festival Internazzjonali

| | | |
|---|---|---|
| 5.5 | Spejjeż | Miżati t'Akkreditazzjoni<br>*Rating* ta' Ċensura<br>Żid spejjeż oħra |
| | Dħul | Ammont totali mitlub mill-fond<br>Żid Sorsi oħra ta' dħul |

Ehmeż il-Kwotazzjonijiet jekk disponibbli

---

☐ Niddikjara li se nirrispetta l-kundizzjonijiet imniżżla fil-linji gwida u regolamenti.

TEMPLATE